# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-22 ta' Gunju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 233/2020 CL

**Charles Foca (KI nru: 462371M) u Mariella Foca (KI nru: 496675M)**

**VERSUS**

**Miriam Mc Intyre [KI nru: 498562M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-6 ta' Ottubru, 2020 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf, mitejn u tlieta u hamsin Ewro (€1,253), rapprezentanti flus dovuti ghall-bejgh ta' stock ossia merkanzija. Illi minkejja li l-intimata giet interprellata diversi drabi l-ammont baqa' dovut . Intalbu l-ispejjez kollha legali inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 3567/2019 u l-mandat ta' sekwestru,kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel interpellazjoni legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li kienet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta datat 26 ta' Jannar 2021, fejn il-konvenuta qalet illi t-talbiet tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi ma kienx hemm bejgh ta' merkanzija ghal-prezz ta' €1253. Fil-fatt la fattura ma inghatat u lanqas ma kien hemm ftehiem fuq il-prezz. L-attur Charles Foca qal illi kien lest li jehles mill-affarijiet u anke jaghtihom karita'. Hafna mill-merkanzija ma kinitx f'kundizzjoni tajba. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal-permess huwa dovut ammont ferm inferjuri minn dak reklamat.

Fl-24 ta' Frar 2021, xehed Charles Foca illi xi sena qabel kien ghalaq il-hanut li kellu f'Bormla. Hu kellu stock li xtaq jbieghu u persuna li kienet tahdem mieghu jisimha Jennifer kienet tirriklamhom. Gurnata minnhom Jennifer qaltlu li kien hemm persuna li xtaqet tara l-istock peress illi kellha hanut Birzebbugia jew Zurrieq. Haditha maghha l-istore li kellu f'Wied il-Ghajn, ghazlet l-istock li kienu jikkonsistu minn hwejjeg, jeans, ggieket u track suits u ghabbiethom fil-karrozza u hadithom. Hu kellu lista tal-affarijiet li hadet u kien ftiehem maghha biex jaghtiha ftit zmien biex thallas imma mis-sena 2017 ma kienet halset xejn. Hu kien ftiehem mal-konvenuta l-prezz ta' €1250 bejn wiehed u iehor,fil-prezenza tal-mara tieghu u l-lavranta Jennifer, ghalkemm l-istock

kien jiswa aktar minn hekk ghax kien clearance sale. Hu esebixxa tlett dokumenti li gew mmarkati Dok CF, CF1 u CF2 li huma lista tal-ammonti u prezz tal-affarijiet bl-ammont totali. Wara ftit bghatilha risposta mal-lavranta imma la ra flus u lanqas stock ghax qatt ma ghamlet ebda pagament. Fil-kontro ezami ikkonferma illi ma kienux ftehmu fuq gurnata specifika sakemm kellha thalsu tal-istock imma ftit zmien. Hu cahad illi l-lista tal-affarijiet ma saritx dakinhar fil-prezenza tal-konvenuta ghax il-mara tieghu bdiet tikteb l-affarijiet wara li qablu fuq il-prezz tal-oggett u l-konvenuta ghabbiethom fil-karrozza waqt li bdiet tarha tiktibhom. Ma kienux ghamlu ftehiem bil-miktub ghax kien ghad fuq il-lavranta tieghu li jaghtuha ftit zmien biex thallashom. Hu cahad illi kellu jithallas kif jinbieghu, ma kienx *on consignment*, imma li jaghtiha ftit zmien sakemm thalsu. Izda kienu ghaddew hames snin minghajr kuntatt.

Fit-13 ta' Mejju 2021 xehdet Jennifer Mc Gahern, illi kienet tahdem part-time ma' Charles Foca, tirriklama l-karrozzi jew xi affarijiet li jkollu ghal bejgh. Hi kienet taf lis-Sinjura Mc Intyre ghax kellha hanut tal-hwejjeg vicin taghha u gieli xtrat minghandha. Charles Foca kellu stock tal-hwejjeg ghal bejgh u kienet qalet lil Mc Intyre bihom, hi uriet interess u haditha Marsascala biex tara x-xoghol. Kien hemm track suits u jeans imma ma tiftakarx ezatt u accetat li tehodhom u ghinitha tghabbihom fil-boroz suwed fil-karrozza u ddahalhom id-dar taghha. Ma tiftkarax kemm il-borza kien hemm imma l-karrozza kienet mimlija. Charles beda juriha kull oggett u jghidilha il-prezz taghha u l-mara tieghu tikteb l-inventarju u Miriam accetat u ghabbewhom fil-karrozza taghha stess. Hi marret xi tlett darbiet ssaqsi lil Miriam jekk kellhiex xi haga ghal Charles imma qatt m'ghadditilha pagament, kienet qaltilha illi ma kienux ta' kwalita tajba imma xorta tipprova tbieghom u ma offritx li tirritorna l-istock.Hi ma tatx kaz x'kienu l-affarijiet ghax ma kellha ebda interess, Charles beda jghidilha kemm ried prezz tal-oggett u l-mara tieghu bdiet tnizzel x'hadu.  Hi ma baqghetx tahdem ma Charles u tilfet il-kuntatt.

Ra l-affidavit ta' Mariella Foca li ikkonfermat illi Miriam McIntyre kienet marret il-garaxx taghhom flimkien ma' Jennifer biex tara l-istock u bdiet taghzel l-affarijiet u hi bdiet tnizzel x'kienet ser tiehu, x'tip ta' hwejjeg u l-ammont li bdiet tiehu kif ukoll il-prezz li bdew jaqblu fuqhom ir-ragel taghha u Miriam. Miriam hadet ammont kbir ta' stock, f'hafna boroz ghax bil-kemm kienu ghadu fil-karrozza ta' Jennifer. Hi dak il-hin ma halset xejn imma kien hemm qbil dwar l-affarijiet u l-prezz taghhom.

fis-17 ta' Gunju 2021 xehdet Miriam McIntyre illi kellha hanut Birzebbugia u Jennifer kienet qaltilha li l-imghallem taghha kellu xi stock u marret maghha Wied il-Ghajn. Rat lis-sinjur u beda juriha l-istock u hi qaltlu illi dawk kienu antiki u hu wiegibha illi hu kien lest li jaghti kollox karita imma Jennifer kienet qaltlu li hi tbieghlu xi haga u jaqsmu. Hi qaltu li l-hanut taghha kien zghir u kienet lesta tiehu xi affarijiet u jekk tbieghhom jaqsmu l-flus u hu accetta. Ma iffirmat ebda karti u l-mara tieghu u ghaddiet xi xoghol u telqet u ftehmu li Jennifer izzommu infurmat. Wara ftit gimghat kienet marret Jennifer u qaltilha li l-affarijiet kienu mtebbghin. Missierha kien marad u ma baqghetx tiftah il-hanut regolari u marret toqghod iz-Zejtun u l-hwejjeg komplew jitgharqu. Meta regghet rat lil Jennifer, kienet qaltilha li kellha disghin ewro biex taghti lil Charles Foca imma Jennifer kienet telqet minghajr il-flus. Damet ma reggher rat lil Jennifer u kienet marret tfittxha hdejn il-flats fejn kienet toqghod imma qatt ma insertatha. Kieku veru talabha €1253 ma kintix tehodhom ghax ma kienux worth it, il-pjan kien illi meta tbigh xi haga jaqsmu l-flus. Hi kienet ggib x-xoghol minn Sqallija u b'€900 kien jkollha tlett kaxxi u kellha agenti iehor li kienet tbidlilha x-xoghol li ma jinbighx. Hi saret taf li kellha sekwestru imma lil Charles Foca qatt ma kienet ratu hlief meta marret il-garaxx fl-2013

jew 2014. Hi kienet bieghat b'€190 ghax kienet ghamlet zewg basktijiet tal-qasab u poggiet l-affarijiet bit-tabella €5 peress illi kienu antiki. Kienet qalet lil Jennifer li kellha €90 meta marret ghadnha u kienu hargu jpejpu flimkien, izda Jennifer telqet minghajt l-envelope bil-flus. Hi kienet rat li kienu antiki meta kienet marret ghandu imma hu qalilha li kien ser jaghtihom karita. Meta marret Jennifer ghandha qaltilha ukoll illi kienu mtebbghin u u antiki u Jennifer qaltilha nghidlu u nehodhom u qaltilha hu ma kienx ser jarmihom allura hallihom u li taqla kollu mirbuh. Ghal-ewwel xahar kienet tara lil Jennifer kull gimgha imma mbaghad ma baqghetx tarha.Fil-kontro ezami qalet li kienet ilha bil-hanut tal-hwejjeg sitt snin u kienet ghalqitu fil-bidu tal-2019. Klijenta taghha li jisimha Jennifer kienet qaltilha li l-imghallem taghha kellu xi stock ghax kien ghalaq il-hanut u haditha ghandu il-garaxx tas-Sur Foca. Il-hwejjeg kienu jidhru antiki u hi qalet lil Jennifer illi l-hanut taghha kien zghir u l-ftehiem kien li dak li tbiegh tippancjah u jinqasam il-flus ghax hu kien ser jaghtiha x-xoghol. Hi qaltlu li kienu ser jghinu lil xulxin ghax hu kien lest li jaghtihom l-karita. Hu ma kellhom ebda ftehiem bil-miktub imma l-mara tieghu kienet nizlet l-affarijiet. Hi ma kellhiex x'titlef la il-ftehiem kien illi dak li tbiegh taghtih nofshom la x-xoghol kien *returnable* u kienet tiehdu Jennifer lura. Wara xi tlett gimghat Jennifer saqsietha jekk bieghatx xi haga u qaltilha li b'xi €20 kienet lahqet bieghat. Fil-fatt Jennifer kienet qaltilha jekk riditx tissaporti naqra ohra jew taghtih x-xoghol lura u ddecidew li jissaportu naqra ohra imma lil Jennifer qatt ma regghet ratha wara dakinhar. Ma kinitx taf fejn kien il-garaxx ghax kienet haditha Jennifer. Ix-xoghol baqa' ghandha u kienet urithoM lil Jennifer li kienu mtebbghin ghax lil Foca ma kellhiex kuntatt mieghu u qaltilha x'Naghmu nhalluhom naqra ohra? Hi kienet lestiet envelope b' €90 ghal Jennifer imma ma kintix haditu maghha l-ahhar li marret ghandha ghax insietu warajha. Hi kienet bieghat b' €180 u kien fadal hafna mill-istock. Lil Jennifer qatt ma regghet ratha u Charles Foca qatt ma mar ghalihom. Missierha kien marad u ghalqet il-hanut ghax kienet marret tghix Iz-Zejtun.

Fil- kontro ezami Charles Foca jghid illi hu kellu bazaar Bormla fejn kienu jbighu l-hwejjeg u ghalqu. L-istock li kien ghad-fadal zammu fl-istore. Ma jafx f'liema sena iltaqa' ma' Mc Intyre imma kien bejn hames u seba' snin qabel. Jennifer, li kienet impjegata tieghu kienet qaltlu li kien hemm persuna ili kienet tafha minn Birzebbugia nteressata li tixtri l-istock u hadet lil Mc Intyre l-mahzen tieghu, ghazlet ix-xoghol, kitbuh u ghabbewhom fil-karrozza ta' Jennifer u ma rahiex izjed. Hu kien kellimha fuq it-telefon ghax haditha bil-kbira li kienet inrceviet ittra bl-avukat u hi qaltlu li ma kienet ser taghtih xejn u b'hekk kellu jirikorri ghal-ligi. Ma jiftakarx jekk meta iltaqghu kinitx ssemmiet somma specifika jew ghamlux il-kont imma l-mara bdiet tikteb kull item li ghazlet u jiftehmu l-prezz li riedu ta' kull item u jippakjawhom gol-boroz u jghabbihom fil-karrozza. Ma gie iffirmat xejn dakinhar, imma ghamlu l-invoices li pprezenta u kien fadal zewg boroz li ma ghadux fil-karrozza u kellu jaghtiha l-karti kif tigi ghal dawn il-boroz. Hu cahad illi kien hemm ftehiem illi dak kollu li jingabar jigi diviz wara li jinbiegh. Hu ftehem kemm ried ta' kull item u hi setghet tbighom kemm trid. Ftehmu li kien ser jaghtiha ftit cans biex thalsu imma ghadddew seba' snin. Kien stock tas-sena ta' qabel jew l-aktar tas-sena ta' qabel ghax kienu jixtru kull stagun imma kienu godda fil-platic. Cahad illi kienu mtebbghin u cahad ukoll illi kien ser jaghtihom karita.

Mariella Foca xehdet in kontro ezami li l-istock kien ta' dik is-sena jew sena qabel u li kienu jixtru minghand in-nies li kienu jmmorru jbeghulhom il-hanut. Cahdet illi l-hwejjeg kienu mtebbghin ghax kieku ma kinitx tehodhom mill-ewwel jew kienet tehodhom lura. Hi ma kellhiex taqsam mal-pagamenti imma hi kienet kitbet il-kwantita u l-prezz tal-hwejjeg li hadet. Cahdet illi dakinhar kienet kitbet biss l-ammont tal-hwejjeg minghajr

il-prezz. Mc Intyre halliet il-lista warajha u zewg boroz u ma marritx ghalihom. Hi kellha tbiegh il-hwejjeg u l-profit taghhom kien differenti ghax il-prezzijiet kienu differenti. Hi cahdet li semghet diskors dwar karita. Ms Mc Intyre kienet hadet parti kbira minn dawn l-hwejjeg.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda jidher illi impjegata tal-atturi, Jennifer, kienet hadet lil-konvenuta biex tara l-istock u kienu ftehmu li ser tiehu xi affarijiet u fil-fatt ghabbewhom fil-karrozza tal-impjegata u haduhom. Skond l-atturi l-prezz u l-kwantita tal-affarijiet li ghazlet il-konvenuta kien miftiehem u kien jammonta ghal €1253. Skond il-konvenuta l l-attur kien lest li jaghti l-istock karita' u kienu ftehmu li hi tipporva tbiegh l-istock u jaqsmu l-flus li jingabar u kellha zzomm kuntatt ma' Jennifer. Hi kienet gabret €180 u kienet qalet lil Jennifer li hafna mill-hwejjeg kienu mtebbghin imma kienet zammet l-affarijiet biex tara x'ser tbiegh. Illi l-fatt li l-konvenuta zammet l-oggetti kollha ghandha u qatt ma tat l-istock lura lil-atturi ghax kienu mtebbghin u lanqas halsitu tal-oggetti li kienet bieghat jiggustifikaw it-talba taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi ghal €1253. Stante li ma gietx ipprezentatat kopja tal-ittra ufficjali, it-talba ghal-ispejjez ta' din l-ittra kif ukoll it-talba sabiex l-imgħax legali jkunu mid-data ta- l-ewwel interpellazzjoni legali ma tistax tintlaqa'. Konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess atturi is-somma ta' elf, mitejn u tlieta u hamsin Ewro (€1253) mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sal-hals effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri,huma a kariku tal- konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**